MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2012

Appell Kriminali Numru. 161/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Keith Joseph Mallia**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-akkuza migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Keith Joseph Mallia talli f'dawn il-Gzejjer fit-13 ta' Ottubru 1999 u fil-jiem ta' qabel, f'Hal-Ghaxaq u bnadi ohra f'Malta, f'hinikjiet differenti:

(a) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-

Kontrol Intern ta' Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni id-droga u minghajr ma kien fil-pusses ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifatura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) kellu fil-pusses tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pusses ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur ta' regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi u Medicini Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(c) f'dawn il-Gzejjer fit-13 ta' Ottubru 1999 u l-jiem ta' qabel, f'Hal-Ghaxaq u bnadi ohra f'Malta, f'hinijiet differenti, b'xi mod li jkun xjentement ghen jew assista lil diversi persuni mhux maghrufa, l-awturi tad-delitt li bihom id-delitt gie pperpetwat jew ikkunsmat, billi baghat diversi persuni ghand l-awturi tad-delitt sabiex jakkwistaw id-droga eroina;

(d) fl-istess zmien u cirkostanzi ttenta jaghmel reat kontra l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe` li jittraffika ammont ta'

droga jew hajjar jew gieghel persuni ohra jaghmlu dan ir-reat u dan bi ksur ta’ l-artikolu 22(5) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-16 ta’ Marzu 2011 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lil-imsemmi Keith Joseph Mallia “hati ta’ l-akkuzi kif migjuba kontra tieghu, ghajr ghat-tieni akkuza ta’ pussess aggravat, u dan wara li rat l-artikolu 17(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Taqsimiet IV u VI, l-artikoli 21(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii), 22(1)(B) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll ir-regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939”, u kkundannatu ghall-piena ta’ sentejn u nofs prigunerija u ghall-hlas ta’ multa ta’ elfejn tliet mija u tletin euro (€2,330);

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Keith Joseph Mallia pprezentat fit-28 ta’ Marzu 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti fejn illiberatu mit-tieni imputazzjoni filwaqt illi thassarha u tirrevokaha in kwantu sabitu hati ta’ l-ewwel, it-tielet u r-raba’ imputazzjoni u dan billi tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena; jew alternattivament tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena ekwa u gusta ghall-kaz odjern;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-ewwel imputazzjoni ma treggix peress illi d-droga eroina ma tissemma mkien u ma tirrizultax mill-istqarrijiet rilaxxati, u ma jirrizultax car u preciz il-perijodu li fih allegatamentr ghamel din l-azzjoni llegali. Inoltre ma gietx pruvata l-intenzjoni specifika ta’ traffikar; (2) li l-istqarrijiet ittiehdu minghajr assistenza legali; (3) li anke fir-rigward tat-tielet u r-aba’ imputazzjonijiet jidher li l-ewwel Qorti sabet htija a bazi ta’ l-istqarrijiet ta’ l-appellant; (4) li jekk jirrizulta t-traffikar, ma jistax jirrizulta wkoll l-attentat skond it-tielet imputazzjoni peress illi fil-kuntest tal-kaz odjern, appena persuna tghaddi informazzjoni dwar akkwist ta’

droga, ir-reat ta' traffikar jigi kkunsmat; (5) li, sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-komputazzjoni tal-piena kellu jigi applikat l-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, bhalma ddikjara l-ufficjal prosekutur.

**6.** Din il-Qorti sejra l-ewwel tikkunsidra t-tieni aggravju li jirrigwarda l-fatt li l-istqarrijiet ta' l-appellant ittiehdu minghajr assistenza legali. Effettivament fi zmien ir-rilaxx ta' l-istqarrija tat-13 ta' Ottubru 1999 u dik ta' l-14 ta' Ottubru 1999, il-ligi taghna ma kinitx tipprovdi li l-interrogat jista' jkollu l-assistenza tad-difensur tieghu meta jkun ser jirrilaxxja stqarrija lill-Pulizija. Waqt it-trattazzjoni orali gie sottomess illi din il-Qorti kellha ssegwi dak li gie deciz recentement mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawza fl-ismijiet **Charles Steven Muscat vs Avukat Generali** fis-sentenza moghtija fl-10 ta' Ottubru 2011 fis-sens illi stqarrija hekk mehuda ghandha tigi sfilzata. Minbarra li dik is-sentenza giet appellata, il-pozizzjoni odjerna hi differenti. F'dik il-kawza hemm guri li qieghed jistenna biex jigi ccelebrat filwaqt illi f'dan il-kaz diga` nghatat sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u li giet appellata – l-appell odjern. Barra minn hekk f'dan il-kaz l-appellant iddepona quddiem l-ewwel Qorti u d-deposizzjoni tieghu saret b'referenza ghall-istqarrijiet. Meta ddepona, l-appellant kien debitament assistit. Inoltre fir-rikors ta' appell stess jaghmel referenza f'uhud mill-aggravji ghall-istqarrijiet biex jislet argumenti ghad-difiza tieghu nnifsu. Qed issir referenza f'dar-rigward ghad-decizjoni ta' din il-Qorti fil-gurisdizzjoni superjuri taghha ta' l-10 ta' Novembru 2011 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Carmel Vella**. Fil-fehma ta' din il-Qorti ghalhekk mhuwiex il-kaz li l-istqarrijiet ta' l-appellant jigu sfilzati.

**7.** Din il-Qorti sejra tghaddi issa biex tikkunsidra l-aggravji fil-mertu. L-appellant instab hati ta' traffikar ta' eroina (l-ewwel imputazzjoni), b'komplicita` fit-traffikar ta' eroina (it-tielet imputazzjoni) u b'tentattiv ta' traffikar ta' eroina (ir-raba' imputazzjoni). L-appellant jghid illi d-droga eroina ma tissemma mkien fl-istqarrijiet tieghu. Jirreferi ghal bran fl-istqarrija tieghu ta' l-14 ta' Ottubru 1999 fejn jghid: *"jien*

*droga qatt ma bighhejt, izda kont nibghathom ghand min kont naf li ghandu.... Jiena peress li kienu jcempluli u jdejquni, jien kont nibghathom ghandu, peress li kont naf li jbiegh, u fl-istess hin nehles minnhom.... Jien naf li kien ibiegh ghax kont nisma' min-nies illi jbiegh...."* Skond l-appellant, lanqas ma hemm indikat car u preciz il-perijodu li fih allegatament ta informazzjoni dwar minn fejn persuni setghu jakkwistaw l-eroina.

**8.** Din il-Qorti tghid mill-ewwel li l-appellant ghandu ragun fuq iz-zewg punti. Ghalkemm huwa minnu li fl-istqarrija tieghu tat-13 ta' Ottubru 1999 isemmi li kien jahraq l-eroina u li kien ilu li qata' madwar tmien xhur, fl-istqarrija ta' l-14 ta' Ottubru 1999 l-eroina ma tissemma qatt izda biss il-kelma generika "droga". Jekk, bhalma ssottometta l-prosekutur, l-investigazzjoni kienet dwar eroina, ma kien hemm xejn x'izomm lill-ufficjal investigatur milli jkun specifiku fil-mistoqsijiet tieghu. Jekk ried ikopri l-*ispectrum* kollu ta' drogi li solitament jigu abbuzati, seta' saqsa lill-appellant xi kwalita` ta' droga kienu jitolbuh. Issa, fl-istqarrija tieghu ta' l-14 ta' Ottubru 1999 l-appellant jghid li kien jibghat lin-nies li jitolbuh droga ghand persuna ("X") li gieli raha tixtri minghand dak ("Y") li hu stess kien jixtri minghandu u jaf li gieli nqdew ghax kien jarahom b'ghajnejh stess. Jista' minn dan jigi argumentat illi, galadarba l-appellant kien ghal xi zmien jabbuza mill-eroina u kien jixtri minghand "Y", allura "X" kien jixtri l-istess tip ta' droga. Fl-ahjar ipotesi, pero`, dan jista' jwassal biss ghal suspett qawwi. Izda anke jekk stess din il-Qorti kellha tasal biex tghid li hemm prova sufficjenti li d-droga in kwistjoni kienet eroina, tezisti problema ohra, u cioe` z-zmien meta l-appellant kien jghaddi l-informazzjoni lil dawk li jitolbuh "droga".

**9.** Mill-istqarrijiet ta' l-appellant, u senjatament dik ta' l-14 ta' Ottubru 1999, minn imkien ma jirrizulta z-zmien meta huwa ta informazzjoni lil dawk in-nies li kienu jistaqsuh. Hekk, meta mistoqsi x'inhi r-raguni ghaliex icemplu ghandu jekk hu ma jbieghx, l-appellant wiegeb: *"Jien droga qatt ma bighhejt, izda <u>kont</u> nibghathom ghand min jien kont naf li ghandu."* Fil-mistoqsijiet u twegibiet l-ohra, baqghet tintuza l-kelma "kont" minghajr referenza ghaz-

zmien. Issa, meta l-Pulizija ghamlu tfittxija fir-residenza ta' l-appellant fit-13 ta' Ottubru 1999 xi hadd cempel darbtejn fuq il-*mobile* ta' l-appellant u wiegbu P.C. 246 Vince Cesare li qal li min kellmu saqsieh jekk "dik kontx gibtha". Qal li anke meta kienet qed issir l-istqarrija tat-13 ta' Ottubru 1999 beda jcempel il-*mobile* u meta wiegbu bdew isaqsuh ghal diski. Qal li dawn kienu nies li jafuhom fix-xoghol taghhom u li gew arrestati u interrogati. Skond l-Ispettur Josric Mifsud hadd minn dawn in-nies ma kkollabora. P.C. 246 Cesare qal ukoll li dakinhar tat-tfittxija waqqfu persuna li kienet ghamlet kuntatt ma' l-appellant, fittxewlu izda ma rrizulta xejn. Il-fatt li proprju fit-13 ta' Ottubru 1999 kien hemm diversi nies li ppruvaw jaghmlu kuntatt ma' l-appellant bil-*mobile* zgur ma tikkostitwix prova li huwa ghadda xi informazzjoni bi ksur tal-ligi peress illi huwa lanqas biss kellimhom dakinhar. Inoltre lanqas ma hemm prova ta' kuntatti "fil-jiem ta' qabel". Difatti lanqas biss jirrizulta li sar ezami tal-*mobile* ta' l-appellant u lanqas ma ntalbu listi ta' *calls* mis-*service provider*. Sitwazzjoni simili giet ikkunsidrata fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Michael Cini** deciza fit-30 ta' Lulju 2004 per l-allura Prim Imhallef Dr. Vincent De Gaetano, fejn intqal:

**"... l-appellant ghandu ragun ghal dak li jirrigwarda l-parametri ta' zmien ta' l-imputazzjonijiet. Ghal xi raguni li jafha biss l-ufficjal li mexxa l-investigazzjoni u in segwitu l-prosekuzzjoni, l-imputazzjonijiet huma cirkoskritti fiz-zmien ghall-"4 ta' April 2002 u xahar qabel". Issa, ghalkemm huwa minnu li fl-istqarrija li rrilaxxja lill-Pulizija, kif ukoll fid-deposizzjoni tieghu quddiem l-ewwel qorti, l-appellant ammetta li kien hemm xi okkazjonijiet meta huwa qasam ma' haddiehor ir-raza li kien ikollu, minn imkien ma jirrizulta li dan it-"traffikar" sehh fl-4 ta' April, 2002 jew fix-xahar ta' qabel. Ghalhekk l-appellant ma setax jinstab hati skond l-ewwel imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu, cioe` bil-parametri ta' zmien aktar 'il fuq imsemmija; u anqas hemm prova li -- apparti r-raza misjuba fl-4 ta' April, 2002 fl-appartament ta' l-appellant u li ser tigi kkunsidrata fid-dawl tat-tieni aggravju – l-appellant kellu f'xi zmien fl-4 ta' April,**

**2002 u fix-xahar ta' qabel xi droga ohra li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu."**

**10.** Il-prosekuzzjoni pproduciet ukoll bhala xhieda lil Charles Camilleri u Patrick Mangion. Jidher illi dawn iz-zewg persuni twaqqfu mill-Pulizija fit-13 ta' Ottubru 1999. Charles Camillei jghid li dakinhar hu u Patrick Mangion kienu sejrin jixtru "d-droga" (hawn jigi mill-gdid osservat illi anke waqt li kien qieghed jixhed fl-ebda hin ma ssemmiet l-eroina) minghand xi hadd jghidulu n-Nammu f'Hal-Qormi. Kien Patrick Mangion li qallu "Ejja mmorru nixtru". Mistoqsi jekk qattx kellem lill-appellant, wiegeb: "Lanqas qatt". Mistoqsi jekk jafx lill-appellant, wiegeb: "Lil dan ma nafux". Patrick Mangion jghid illi fil-gurnata in kwistjoni, Charles Camilleri kien talbu jiehdu dawra u meta dahlu Hal-Ghaxaq, waqqfuhom il-Pulizija, ghamlulhom tfittxija u haduhom maghhom. Mit-tfittxija ma rrizulta xejn. F'Hal-Ghaxaq waqfu hdejn id-dar tan-Nammu, l-appellant. Skond Patrick Mangion kienet l-ideja ta' Charles Camilleri li jmorru ghand l-appellant, u dan sabiex jixtri xi pilloli tal-valium minghandu. Mela minn dawn iz-zewg xhieda wkoll ma tirrizulta l-ebda prova kontra l-appellant.

**11.** Jigi osservat ukoll illi tfittxija fil-karozza ta' l-appellant u ohra fir-residenza tieghu rrizultaw fin-negattiv.

**12.** Kwantu ghat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet, bhalma accetta anke l-abbli prosekutur, iz-zieda ta' dawn l-imputazzjonijiet f'dan il-kaz kien superfluwu peress illi l-ghoti ta' informazzjoni ntiza biex twassal ghax-xiri ta' medicina perikoluza jikkostitwixxi fih innifsu reat ta' traffikar kif jirrizulta mid-definizzjoni kontenuta fl-artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.[1]

**13.** Dan il-kaz huwa karatterizzat minn suspetti biss. Del resto m'hemmx provi li a bazi taghhom l-ewwel Qorti setghet issib il-htija skond l-imputazzjonijiet in kwistjoni. Konsegwentement l-appell jimmerita akkoljiment.

---

[1] Ara Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Ronald Psaila**, 8 ta' Jannar 2002.

**14.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel, tat-tielet u tar-raba' imputazzjonijiet u in kwantu kkundannatu ghall-piena ta' sentejn u nofs prigunerija u ghall-hlas ta' multa ta' elfejn tliet mija u tletin euro (€2,330) u minflok tiddikjarah mhux hati ta' dawk l-imputazzjonijiet u tilliberah mill-istess imputazzjonijiet u minn kull piena, u tikkonfermaha fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------